# Il-Pitturi Schranz u Birkirkara

## Aktarx l-aktar rappreżentazzjoni bikrija tal-knisja ta' Santa Liena

**Philip Xuereb**



Din is-sena qed jitfakkar għeluq il-mitejn sena minn meta fl-1818 stabbiliet ruħha f'Malta l-familja ta' pitturi bil-kunjom Schranz. Qabel ma ġew Malta, il-kap tal-familja, Anton Schranz, li oriġinarjament kien twieled fil-Ġermanja fl-1769 u kien qabad il-karriera ta' pittur, kien ilu stabbilit għal erbgħa u għoxrin sena fil-gżira Balearika ta' Minorca (Spanja). Hawn kien iżżewweġ u rabba familja. Erbgħa minn uliedu eventwalment qabdu l-istess karriera bħal missierhom.

L-akkwarell tal-knisja ta' Santa Liena ta' Birkirkara li qed nitkellmu dwaru hawn, huwa attribwit lil xi ħadd minn din il-familja ta' artisti u sar fl-ewwel nofs tas-Seklu Dsatax. Dan huwa akkwarell interessanti mhux biss għal tagħrif li wieħed jista' jislet minnu fuq il-knisja nnifisha, fiż-żmien li sar, imma wkoll fuq l-ambjent ta' madwarha.

Mhux magħruf aħjar min mill-membri tal-familja Schranz, li eventwalment f'dak is-seklu

pproduċiet tmien artisti, inklużi nisa, fi tliet ġenerazzjonijiet, kien pitter dan l-akkwarell. Ma sarx qabel l-1818, is-sena li fiha Anton Schranz stabbilixxa ruħu f'Malta, waqt li ħarsa sew lejn l-akkwarell innifsu jista' jagħtina ħjiel li sar qabel l-1848. Dan għaliex jekk wieħed jiflih sew, jara li l-partijiet tal-faċċata li llum huma ddekorati bi skultura, kienu għadhom biss żmarrati. Issa fil-parti ta' fuq tal-bieb tal-Punent, taħt l-iskultura tas-serafin, hemm minquxa b'ċerta sengħa, u mhux sempliċement graffit, is-sena 1848 li allura tista' tkun is-sena ta' meta kienet saret jew tlestiet l-iskultura tal-faċċata.

Jerġa', ħaġa li tidher aktar malajr, hija li fuq iċ-ċinta l-għolja tal-knisja ta' ħdejn il-kampnari, kien għad ma hemmx l-istatwi tal-appostli. Issa għalkemm nafu li l-kampnar tal-Lvant kien sar ukoll sal-1809, is-sena li fiha Vincenzo Borg *Brared* kien għamel iż-żewġt iqniepen li għadhom fih sal-lum, magħrufin bħala *l-antika* u *tat-tletin*, l-akkwarell juri li l-imsemmija statwi saru żgur wara l-1818 meta ta' Schranz ġew Malta. Għalkemm dawn setgħu saru qabel l-iskultura dekorattiva msemmija fil-faċċata.

Harsa attenta lejn l-akkwarell, turi wkoll li z-zuntier ma kienx f'żewġ indani ta' taraġ kif inhu llum, imma fi tlieta, dejjem jekk l-artist kien eżatt jew jekk ma kienx sar tibdil fih wara. Mad-dawra, fin-naħa t'isfel, kien hemm madankollu l-plieri li jiddelimitaw it-truf tiegħu. Fil-ġenb tal-Punent jidher ukoll li kienu diġà nbnew l-arkaturi ta' fuq il-koppletti, għalkemm jidher ukoll li ma kienx għad hemm l-istruttura kollha, dik l-ispeċi ta' opramorta li ddur mal-knisja kollha, u li mbagħad kienet tlestiet lejn nofs is-snin sittin tal-istess seklu.

Imbagħad wieħed josserva l-bini fil-ġnub tal-knisja. Fuq in-naħa tal-Punent kien hemm id-daħla bid-djar, li nħattu fis-snin sittin tas-Seklu Għoxrin biex tinfetaħ Triq is-Santwarju. Id-dar li tidher fil-faċċata kienet l-istess kif ħafna għadhom jiftakruha. Imma dawk tal-ġenb jidhru baxxi, u li wara jew inbnielhom it-tieni sular jew inbnew mill-ġdid. Hawn jidher ukoll il-bieb, imħaxken mal-ġenb tal-knisja, li kien jagħti għall-passaġġ li kien hemm minn fejn il-bieb tal-kannierja għall-bieb żgħir tal-ġenb li minnu tidħol fil-kuritur maġenb il-kappella tas-Sagrament.

Anqas fuq in-naħa l-oħra, il-bini ma hu l-istess kif niftakruh li kien sakemm infetħet Triq Mike Pulis fl-1972. Id-djar li kienu jmissu sew sew mal-knisja kienu baxxi, u d-djar li niftakru, mill-istil tagħhom, kienu juru li aktarx kienu nbnew lejn il-qalba tas-Sekli Dsatax u Għoxrin. Fuq in-naħa l-oħra ta' dik il-fergħa ta' Triq Santa Liena wkoll jidher bini baxx fejn illum hemm l-*Alliance Bar*. Il-bini lura minn dan, għalkemm għoli, jidher li f'xi żmien wara kien inbidel, kif inbidlet ukoll il-binja lil hawn, li llum iġġib fuqha l-annu 1901. Fuq din l-istess naħa tidher ftit biss it-turretta l-għolja tad-dar ta' Brared, waqt li fuq bejt ieħor tidher xi ħaġa donnha statwa, jew xi ħaġa simili, forsi ċumnija?

Il-pjazza nnifisha naturalment tidher li ma hix asfaltata. Imma fiha jidhru żewġ ħerżiet, bħalma soltu jkun hemm fuq il-bokka tal-bjar. Nafu li taħt il-pjazza huwa kollu ġiebja waħda kbira. F'ritratt meħud ferm aktar lejna fiż-żmien, possibbilment fis-snin tletin li għaddew, fuq il-post fejn fl-akkwarell tidher il-ħerża eqreb lejn iz-zuntier, tidher grabja u ħdejha l-karettun bit-tank tal-bexxiexa li biha kienu jbixxu t-toroq minħabba t-trab. U sa tard fis-seklu li għadda kien hemm minflok din, tappiera li minnha kienu jiġu *bowsers* jieħdu l-ilma għat-tisqija. Fir-rokna tax-xellug t'isfel fl-akkwarell jidher li fil-pjazza kien hemm bankina.

Fl-akkwarell, l-artist inkluda wkoll għadd ta' nies. L-aktar li hemm irġiel li huma lebsin bis-sidrija, bit-terħa ma' qaddhom u bil-milsa f'rashom. In-nisa bid-dbielet twal sal-għaksa u bil-fardal u b'xi ċulqana jew maktur ma' rashom. Tnejn mill-irġiel jidhru li huma bejjiegħa. Wieħed, għan-nofs fuq quddiem, donnu qed jikkorda fuq il-prezz ta' xi ħaġa li għandu f'mezza, speċi ta' qoffa, ma' tnejn min-nisa. L-ieħor fil-ġenb tax-xellug ħdejn il-bankina, għandu speċi ta' tilar tond baxx fuq rasu jew kavetta, waqt li f'idu tax-xellug għandu bixkilla qisha minn dawk li kienu jintużaw għat-tut jew iċ-ċawsli u aktarx li l-oġġett li jidher li għandu f'idu tal-lemin huwa miżien. Fl-akkwarell jidher raġel bilqiegħda fl-art iserraħ dahru ma' waħda mill-ħerżiet, waqt li żewġt irġiel oħra qed ipaċpċu ħdejn l-ħerża l-oħra.

Tidher li hija xena ta' xi jum komuni fost il-ġimgħa. Il-knisja għad għandha wieħed mill-bibien miftuħ fuq waħda. Mix-xeħta tad-dellijiet jidher li l-ħin kien filgħodu, forsi għall-ħabta tal-għaxra. Naturalment mhux bħal-lum, traffiku xejn, anqas bil-bhima. Anke għaliex aktarx li dak iż-żmien, kulmin kien ikollu mqar ħmar, dan kien ikun mar bih u kien ikun miegħu għax-xogħol tar-raba' 'l barra mir-raħal.

Dan l-akkwarell, li kien sar minn xi wieħed mill-artisti tal-familja Schranz, aktarx li huwa l-eqdem rappreżentazzjoni li nafu biha sa issa tal-knisja Kolleġġjata ta' Santa Liena ta' Birkirkara. U wieħed irid iżomm f'moħħu li ħafna mill-artisti jew vedutisti ta' dak iż-żmien, u għal deċennji wara, aktarx li kienu jikkonċentraw il-produzzjoni tagħhom għal dehriet tal-Belt Valletta u l-inħawi tal-portijiet, fejn l-aktar li kien ikun hemm viżitaturi barranin li kienu jfittxu xogħlijiethom biex jeħduhom magħhom f'pajjiżhom bħala tifkira taż-żjara, jew imqar il-waqfa qasira tagħhom f'Malta.

Hawn qed inġibu wkoll kopja tal-kapxin bl-Ingliż ta' din it-tpinġija li llum hi parti mill-patrimonju nazzjonali f'*Heritage Malta*, fil-Mużew tal-Arti MUŻA.

**Attributed to Antonio Schranz**
**View of the Parish Church of St Helen and the Main Square, Birkirkara**
Around 1840
Pencil and wash on paper
Heritage Malta - MUŻA

In Giovanni Quintana's *"Guida dell'Isola di Malta e sue dipendenze"*, one learns that Antonio was producing oil paintings of Maltese parish churches with the aim of converting these views into lithographs. At the time of the publication of Quintana's guidebook in 1844/5, these oil paintings were available for viewing at his studio located at No. 81 *Strada Zecca* (Old Mint Street), Valletta. In the light of this project, which appeared not to have materialised to its final stages, it is being suggested that this pencil-and-wash work might have been a preliminary drawing either for an oil painting or in preparation of a lithographic print.

*Biblijogafija*

Azzopardi Can. J. (Ed.), *The Schranz Artists*, Friends of the Cathedral Museum, Mdina 1987.
Schranz John J., Artikli varji fit-*Times of Malta* 2016-2017.